MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 2293/1996/1

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` M. Demajo (Timbers) Limited; u b'nota tat-13 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.; u b'nota tal-14 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc gia' Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M. Demajo (Timbers)**

**Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc.**

**vs**

**W. J. Parnis England Ltd. bhala agenti tas-socjeta` estera Utopia Maritime Co. SA, armaturi tal-bastiment Domna Maria u The Cargo Handling Co. Ltd**

**Il-Qorti;**

Dan huwa provvediment limitat ghall-kwistjoni, li giet sollevata mill-Qorti *ex officio* fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2004, dwar jekk l-appell hux dezert.

Il-fatti relevanti ghal din il-kwistjoni kienu, brevement, is-segwenti:

Fit-23 ta' April, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici fejn din kienet qed titlob li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jigu mizmuma responsabbli ghal nuqqasijiet u hsara in konnessjoni ma' merkanzija impurtata f'Malta. Fil-fatt dik il-Qorti fid-*decide* qalet hekk:

**Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara lis-socjeta` W. J. Parnis England Ltd responsabbli fis-somma ta' hames mija tlieta u tmenin lira tlieta u tletin centezmu (Lm583.33) u lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd responsabbli fis-somma ta' hames mija hamsa w erbghin lira u hamsin centenzmu (Lm454.50) u konsegwentement tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammonti fuq dikjarati bhala dovuti u dana bl-imghax legali mid-data**

**tan-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti ugwalment.**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` W. J. Parnis England Limited permezz ta' rikors introdott fir-registru fit-**8 ta' Mejju, 2001**. Is-socjeta` appellanti indikat bhala li kellha tigi notifikata bir-rikors ta' appell biss is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd (ara l-kopertina a fol. 156), u effettivament is-socjeta` attrici giet notifikata bir-rikors ta' appell fl-10 ta' Mejju, 2001. Is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd baqghet qatt ma giet notifikata.

Fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2004 din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri tas-socjeta` appellanti kif ukoll tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd li The Cargo Handling Co. Ltd ma kienet giet qatt notifikata bir-rikors ta' appell. L-appell gie differit ghas-16 ta' Frar, 2004 ghal sottomissjonijiet fuq dan il-punt tad-dezerzjoni o meno.

Issa, ma hemmx dubju li r-rikors ta' appell kellu jigi notifikat lill-partijiet kollha (Artikolu 144(1), Kap. 12) u mhux biss lill-parti jew partijiet li kontra taghha jew taghhom isir l-appell. Din il-htiega, cioe` li l-partijiet kollha ghandhom jigu notifikati bir-rikors ta' appell, tassumi importanza partikolari meta wiehed jikkonsidra l-Artikolu 240(1) tal-Kap. 12, li jipprovdi, *inter alia*, li appell incidentali jista' jsir ukoll *"…kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 144."* Fil-kaz in dizamina The Cargo Handling Co. Ltd baqghet ma gietx notifikata, b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li l-procedura bil-miktub inghalqet entro t-terminu perentorju ta' sena mid-data tal-presentata tar-rikors ta' appell, kif jirrikjedi l-Artikolu 963(1) (ara wkoll ***Wilfred Mamo et v. Salvino Sullivan et*** Qorti ta' l-Appell 27 ta' Gunju, 1994).

Jizdied jinghad li ma hemmx dubju wkoll li d-dezerzjoni ma hix sollevabbli biss per via ta' eccezzjoni mill-kontro-parti (ara ***Francis Xavier Formosa et v. Carmelo u Doris ahwa Mifsud*** Qorti ta' l-Appell, 26 ta' Frar, 1999; ***Il-Prokuratur Legali Joseph Galea et v. Edwin Borg*** Qorti ta' l-Appell, 26 ta' Frar, 1999; ***David Hillman v. G.R.A.P.***

***Limited*** Qorti ta' l-Appell, 9 ta' Dicembru, 2003; ***George u Georgina mizzewgin Sciberras v. Josephine Spiteri et*** Qorti ta' l-Appell, 8 ta' Gunju, 2004). Fil-kaz in dizamina, inoltre, din il-Qorti ma tarax li ghandha tipprocedi skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12, kif sollecitata li taghmel mill-abbili difensur tas-socjeta` appellanti – din is-socjeta` kellha altru milli zmien bizzejjed biex tiehu hsieb li tinnotifika lis-socjeta` konvenuta l-ohra, u jekk din il-Qorti kellha tipprocedi skond l-imsemmi subartikolu, dan jista' issa jippregudika serjament lis-socjeta` l-ohra (cioe` The Cargo Handling Co. Ltd).

Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell dezert fit-termini tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------